MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 194/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Cutajar talli fil-Fgura nhar il-Hadd 21 ta’ April 2002 ghal xi 8.00 p.m. u fil-granet ta’ wara din id-data u hin:

(a) Bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta jew zamm jew issekwestra lil Marlene Paris kontra l-volonta` taghha, liema delitt huwa aggravat billi l-istess Marlene Paris sofriet offiza fuq il-persuna taghha, kif ukoll giet imgieghela taghmel xi haga

jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(b) Attenta bil-vjolenza jikkometti stupru fuq il-persuna ta’ Marlene Paris billi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ghal dan l-istupru, liema delitt ma giex konsmat minhabba li waqaf minn rajh;

(c) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja fil-periklu car ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marlene Paris skond kif iccertifika t-tabib Anton Bugeja MD;

(d) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh, u jwegga bi kliem, b’gesti, b’disinji jew b’xi mod iehor ingurja lil Marlene Paris;

(e) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persnuna ta’ Manuel Fenech skond kif iccertifika t-tabib M. Mallia MD;

(f) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Manuel Fenech, liema ammont ta’ hsara ma tiskorrix il-hamsin liri Maltin (Lm50) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10);

(g) Hedded u hebb ghal Marlene Paris u Manuel Fenech sabiex jingurjahom, jinsulentahom jew idejjaqhom;

(h) F’Rahal Gdid fis-26 ta’ Dicembru 2002, kif ukoll fil-gimghat ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, uza xi infrastruttura jew apparat ta’ telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu jew minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, billi dejjaq lil Marlene Paris;

(i) Sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru difenittivi fis-26 ta’ April 1996 u s-26 ta’ Settembru 1997.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra milli tapplika l-piena stabiliti skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-4 ta’ Mejju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Anthony Cutajar hati tar-reat addebitat taht il-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-anqas ma sabitu hati ta’ l-addebitu ta’ recidiva, izda sabitu hati tar-reati taht l-artikoli 87, 198, 41, 252 u 399(d)(e) u 325 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmintax il-xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Cutajar pprezentat fis-16 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ma sabitx lill-esponent hati tar-reati taht il-Kapitolu 399, u tar-recidiva u minnhom illiberatu, kif ukoll fejn ddikjarat procediment ezawrit, filwaqt illi thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament tirriformaha fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel aggravju ta’ l-appellant li hu fis-sens illi l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha rigward l-imputazzjoni (c) billi ssibu hati jew tilliberah, u ghaldaqstant is-sentenza appellata hi nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali li jirrendi s-

sentenza nulla. Il-prosekuzzjoni aderixxiet ma' dan l-aggravju.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza appellata fil-fatt jirrizulta illi l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar it-tielet imputazzjoni. Baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant (allura imputat) minnha. Naturalment, ghax ma ddikjaratx il-htija u in vista tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, wiehed ma jistax jassumi li kienet l-intenzjoni ta' dik il-Qorti li tilliberah mit-tielet imputazzjoni galadarba dan ma ddikjaratux. Fil-fatt fejn ma kinitx qed issib htija, dan iddikjaratu – bhal fil-kaz ta' l-imputazzjonijiet (h) u (i). Jekk kienet qed issib il-htija, kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv. Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1].

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u dan jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi <u>tillibera jew tikkundanna</u> lill-imputat"**.

posizzjoni li kien immedjatament qabel ma nghatat is-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddecidi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------